IN-NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU.56 - L-ERBGĦA 12 TA' LULJU 2023**

## LAQGĦA B'URĠENZA

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku **(attendiet online)** |
| | Christopher Deguara | Viċi Sindku (wasal fis-18:02) |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier (wasal fis-17:57) |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Assistent Uffiċjal Prinċipal |
| Assenti b'apoloġija: | Ivan Gaffiero | Kunsillier |

**IS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV (SE) INFORMA LI L-LAQGĦA QED TIĠI TRASMESSA LIVE FUQ IL-PAĠNA TA' FACEBOOK.**

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1. Is-SE informa li l-Kunsillier Gaffiero talbu biex ikunu skużati minn din il-laqgħa.

**2. ALLOKAZZJONI TA' ZONI GĦALL-PARKEĠĠJAR TA' CARAVANS/CAMPERS TEMPORANJU**

2.1. Is-Sindku spjegat il-ħtieġa li l-Kunsill jalloka żoni addizzjonali biex jakkomodaw aktar karavans iżda b'limitazzjoni u kontroll. Sostniet li jekk il-Kunsill isib li qed joħolqu diffikultajiet ma jkun hemm xi jżommu milli jibdel id-deċiżjoni.

2.2. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Abela u ftit wara l-Viċi Sindku.

2.3. Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament qabel li jalloka nofs l-ispazju taż-żona fuq il-Bajja tal-Magħtab u nofs it-triq taħt iż-żona diġà identifikata magħrufa bħala Il-Għoqod.

**3. L-ITTRA TA' DIREZZJONI TAL-AWDITURI (MANAGEMENT LETTER)**

3.1. Is-SE ippreżenta l-ittra ta' direzzjoni u abbozz tar-risposta li kienu intbagħtu qabel il-laqgħa tal-Kunsill. Għalhekk ġew meqjusa moqrija.

3.2. Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi mistoqsijiet li rriżultat fin-negattiv.

3.3. Wara proposta mis-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier Cuomo, il-Kunsill approva r-risposta kif annessa f'A.

## 4. IL-PROĠETT DEVICE U STEDINA GĦALL-FESTIVAL TAL-FOLKLORE INTERNAZZJONALI F'MALESHEVO

4.1. Is-Sindku infurmat li l-aħħar laqgħat tal-proġett DEVICE se jsiru f'Agia l-Greċja bejn il-21 u l-25 ta' Lulju. Infurmat li l-istedina hija miftuħa għal erba' persuni. Hija rrakkomandat li l-Kunsill jikkunsidra biex flimkien magħha u mas-SE tingħata wkoll il-possibiltà li jipparteċipaw membri tal-istaff.

4.2. Il-Kunsill unanimament qabel li joffri l-possibiltà lil żewġ membri tal-istaff.

4.3. Is-Sindku imbagħad infurmat li waslet l-istedina annwali għall-Festival Internazzjonali tal-Folklore f'Maleshevo l-Bulgarija u li għalih mistiedna wkoll erba' Kunsillieri. Kien hemm qbil unanimu li jattendu s-Sindku, is-SE u l-Kunsillieri Brincat u Deguara.

## 5. TMIEM TAL-LAQGĦA

5.1. Il-Laqgħa ntemmet fis-18:20.

**ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI**
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY)**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**